# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30, ta' Mejju 2000**

**Numru 51**

**Citaz. numru 1559/93 DS**

Dr. Simon Micallef Stafrace bhala rapprezentant tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd. u din bhala agenti Malta tas-socjeta` assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Industrial Motors Limited
vs
Godwin Abela u Alfred E. Aquilina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited

Illum, 30 ta' Mejju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-9 ta' Novembru 1993 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Billi s-socjeta' Industrial Motors Ltd. importat gewwa Malta fuq il-vapur Auto Atlas konsenja ta' vetturi Mitsubishi (Dok. E sa G1).

Billi wara li waslet din il-merkanzija Malta fit-30 ta' Dicembru 1992 u inhattet f'idejn is-socjeta' The Cargo Handling Company Limited il-merkanzija giet ikkonsenjata lill-assigurat tal-attur bid-danni elenkati fid-Dok. A.

Billi ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur nomine u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tal-hsarat u danni

li gew lilu kawzati u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat.

Billi l-attur nomine jikkwantifika dawn in-nuqqasijiet riportati fil-merkanzija tal-assigurat tieghu fl-ammont ta' elf u wiehed u ghoxrin lira u ghoxrin centezmi (Lm1021.20,0) inkluz f'din il-figura l-ammont ta' mija u tmienja u tmenin lira (Lm188) bhala survey fee.

Billi l-konvenut nomine huwa responsabbli ghal dawn id-danni.

talab lil din il-Qorti;

1. Tiddikjara lill-konvenut nomine responsabbli ghan-nuqqasijiet u hsarat sofferti fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur nomine;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine fis-somma ta' Lm1021.10,0;

3. Tikkundanna lill-konvenut nomine ihallas lill-attur nomine is-somma ta' Lm 1021.20,0 bhala danni sofferti mill-attur nomine li ghalihom huwa responsabbli l-konvenut nomine.

Bl-ispejjes u interessi legali mid-data tal-pagament indikat fis-surroga fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi, kontra il-konvenut nomine li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn qalu:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li s-socjeta' The Cargo Handling Company Limited ikkonsenjat u qdiet il-funzjonijiet kollha bid-deligenza rikjesta minnhom mill-ligi.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandu jigi esebit il-mod u/jew ic-cheque li bih sar il-pagament ta' Lm833.20,0 lill-Industrial Motors Limited.

3. Illi di piu u fil-mertu l-importatur innifsu ffirma l-Gate Pass Out tramite r-rappresentant tieghu fejn huwa ddikjara li rcieva (47 units) "in good order and condition" bla ma ghamel jew insista ghall-ebda rimarka dwar l-istess u ai termini tas-sentenza datata 19 ta' Awissu 1992 fl-ismijiet Reginald Micallef vs James Gollcher u Karl Gollcher u Godwin

Abela u John Cavallo (Citaz. Nru. 1103/86) Qorti ta' l-Appell, is-socjeta' m'hijiex responsabbli ghall-allegati danni.

4. Illi fir-raba lok u bla pregudizzju ghall-premess l-ammont huwa ghall-kollox esagerat stante li l-ammont ta' Lm188.00,0 bhala survey fees saru proprju mis-socjeta' attrici proprju u m'hemm ebda surroga ghar-rigward ta' l-istess u dana skond sentenza datata 6 ta' April 1992 fil-Qorti ta' l-Appell Sede Kummercjali fl-ismijiet Dr. Robert Staines u Walter Camilleri vs Chev. Silvio Mifsud u Godwin Abela u John Cavallo (Citaz. Nru. 112/86).

5. Illi di piu u bla pregudizzju ghall-premess l-interessi ma jiddekorrux mid-data tal-pagament, izda mid-data tas-sentenza u dana ai termini tas-sentenza gia citata (112/86).

6. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rispinti bl-ispejjes kontra l-attur nomine.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti Godwin Abela et nomine fejn qalu:

1. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gie sollevati, l-konvenut Godwin Abela nomine mhux risponsabbli ghall-allegati danni/nuqqas u dan ai termini tal-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1966 (amended by Legal Notice 28/73) peress li tali merkanzija hija meqjusa bhala "units" u tinghata biss ricevuta bhala tali "units".

2. Illi ai termini tal-Artikolu 6 (3) (a) (v) tal-Port Ordinance, 1962 la darba tali merkanzija kienet meqjusa bhala "units" dan l-Artikolu jezemi ovvjament lis-socjeta' konvenuta minn kull risponsabbilita.

3. Illi wkoll a bazi tal-Artikolu 90 u Schedule 13 tal-Port Regulations, 1966, l-importatur jaf li tali merkanzija tinhazen "in the open and always at the sole risk of the owner" u ghalhekk anke f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta mhux risponsabbli.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:

Il-fatti ta' dan il-kaz kif irrizultaw mill-provi prodotti mill-attur nomine, peress li l-konvenuti nomine baqghu ma ressqux provi, kienu dawn:

Is-socjeta` Industrial Motors Ltd importat 47 karrozza Mitsubishi li waslu Malta fit-30 ta' Dicembru 1992 fuq il-vapur Auto Atlas. Ma hemm l-ebda prova li meta tghabbew fuq il-vapur kellhom xi hsara jew nuqqasijiet. U lanqas li meta tnizzlu Malta kellhom xi hsara jew nuqqasijiet. Issa ghalkemm normalment jigi esebit dokument maghruf bhala "tally sheet" li jimtela' proprju meta l-merkanzija tkun niezla minn fuq il-vapur, f'dan il-kaz ma gie esebit l-ebda "tally sheet". Biss gew esebiti mill-istess attur nomine mac-citazzjoni kopji tal-"gate pass-outs" (Dok. N sa Q a fol. 23 sa 26) li jimtlew meta l-merkanzija tkun se tittiehed mill-port u mnejn jirrizulta, almenu *prima facie* li l-karrozzi in kwistjoni kienu rtirati *"in good order and condition"*. Il-prova tal-"gate pass-out" pero` hija prova *juris tantum* li tista' tigi ribattuta u li ghandha tigi ribattuta mill-kontro-parti biex jirnexxilha tannulla l-valur probatorju taghha.

Noel Ellul li kien jahdem bhala marine claims executive mas-socjeta` attrici fiz-zmien in kwistjoni xehed li kien cempillu Tony Grech, manager mas-socjeta` Industrial Motors Ltd., fis-6 ta' Jannar 1993 biex javzah li kienu nezlin Laboratory Wharf biex jirtiraw 47 vettura tal-marka Mitsubishi. Ghalhekk huwa ltaqa' ma' Grech fil-post u bdew jezaminaw il-vetturi wahda wahda. Minnhom sabu sbatax-il vettura li kellhom xi hsarat jew nuqqasijiet. Dawn jinsabu elenkati fis-"survey report" a fol. 6 sa 8 tal-process li thejja mix-xhud stess. Huwa qal li wara mar ma' Grech fl-ufficcju tal-Cargo Handling igharrfuhom bil-hsarat u nuqqasijiet sabiex jigu elenkati fil-"gate pass-out". Huwa mbaghad kompla jghid hekk:

> *"L-ufficjal inkarigat tal-Cargo Handling Company ried jiccekkja it'tally sheets', jigifieri r-'records' tieghu kif tnizzlu l-karrozzi minn abbord. Ir-raguni ta' dan kienet li hu qalilna li ma jistax inizzel l-ebda rimarka li ma tknux imnizzla fuq it-'tally sheet'. Minhabba l-fatt li dawn il-vetturi jistghu jkunu skoperti ghal aktar danni u nuqqasijiet kif ukoll ghall-fatt li kull vettura ghandha renta fuqha ta' lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1.25) kuljum, ahna ma kellna ebda alternattiva hlief li nacettaw li johrog 'Gate Pass-Out' 'clean' bla rimarki biex inkunu nistghu nohorgu l-vetturi dakinhar."*

Il-vetturi danneggjati kienu dawk li nhargu fis-6 ta' Jannar 1993 (Dok. N a fol. 23) filwaqt li dawk li nhargu fi granet sussegwenti ma kellhomx hsarat.
Tony Grech xehed li hu customer service manager mas-socjeta` Industrial Motors Ltd. Qal li c-cwievet tal-karrozzi gabhom minghand ufficjal tas-socjeta` konvenuta qabel ma marru jiccekkjawhom u, ghalkemm saqsa jekk ridux jakkompanjawhom waqt l-iccekkjar, ma mar hadd mis-socjeta` konvenuta. Ghall-"gate pass-out" hu ma marx izda mar certu Carmelo Mangion, messaggier ma' l-istess socjeta`.

Carmelo Mangion xehed li meta jaslu karrozzi godda minn barra jghaddi l-karti tad-Dwana mbaghad imur fl-ufficcju tas-socjeta` konvenuta biex ighaddi l-karti relattivi. Huwa spjega li l-procedura fiz-zmien in kwistjoni kienet li l-vetturi jigu ezaminati minn nies ohra impjegati mas-socjeta` importatrici u principalment Tony Grech flimkien ma' "surveyor" tas-socjeta` assikuratrici. Min ikun ezamina l-vetturi normalment imbaghad jinzel mieghu fl-ufficcju tas-socjeta` konvenuta biex isir il-"gate pass-out" u fuqu gieli kienu jitnizzlu n-nuqqasijiet u hsarat u gieli le. Qabel ma jghidulu jekk hux ser inizzlu dawn ir-rimarki jew le, l-ufficjali tas-socjeta` konvenuta kienu jghidulu li l-ewwel iridu jiccekkjaw it-"tally sheet". Huwa mbaghad l-ewwel ikkonferma li d-dokumenti a fol. 23 sa 26 huma ffirmati minnu u wara stqarr li effettivament mhijiex il-firma tieghu. Qal ukoll li dak iz-zmien kien ghadu fil-bidu tal-impjieg tieghu ma' l-Industrial Motors u li kien jiffirma fejn jitolbuh jiffirma.

Filwaqt li Noel Ellul qal li kien mar ghall-"gate pass-out" relattiv ma' Tony Grech, dan ta' l-ahhar qal li kien Carmelo Mangion li kien imur u mhux hu. Fil-fatt Carmelo Mangion ikkonferma li hu kien jakkompanja lis-"surveyor" biex jinhareg il-"gate pass-out". Interessanti l-istqarrija li ghamel Mangion dwar il-firma fuq id-dokumenti N sa Q, cioe` li l-ewwel ighid li hi l-firma tieghu mbaghad li mhijiex. Huwa minnu li jidhru xi differenzi fil-firma bejn dokument u iehor (u principalment bejn il-firma fuq id-Dok. N, O u P u dik fuq id-Dok. Q, izda hemm ukoll similaritajiet u principalment il-firma fuq id-Dok. N, O u P). Fi kwalunkwe kaz il-Qorti ma thossx li ghandha ghalfejn tiddilunga fuq dan il-punt peress li jidhrilha li dak li huwa aktar ta' importanza hija d-dikjarazzjoni li ghamel Noel Ellul u dik li ghamel Carmelo Mangion dwar il-fatt li s-socjeta` konvenuta ma kenitx tnizzel nuqqasijiet u danni jekk dawn ma jirrizultawx mit-"tally sheet". Din id-dikjarazzjoni ma gietx kontradetta. Mix-xiehda ta' Noel Ellul jidher li ma ridux jirriskjaw danni ulterjuri u ghalhekk accettaw "gate pass-out" li kien "clean". Wiehed jista' jargumenta li r-rapprezentant tas-socjeta' assikuratrici u r-rapprezentant

tas-socjeta` importatrici jmisshom insistew li jitnizzlu d-danni jew imisshom stennew sakemm is-socjeta' konvenuta tivverifika mat-"tally sheet". Mill-banda l-ohra jigi osservat li s-socjeta` konvenuta kienet taf li kienu se jinhargu l-karrozzi u ghalhekk it-"tally sheet" kellu jkun disponibbli sabiex meta ssir t-talba ghall-"gate pass-out" tkun tista' ssir il-verifika necessarja minghajr htiega ta' dewmien. B'hekk ikun jista' jsir il-paragun mehtieg bejn x'irrizulta meta l-vetturi minn fuq il-vapur u x'irrizulta mis-"survey" f'Laboratory Wharf. Naqset ukoll is-socjeta` konvenuta meta ma baghtitx rapprezentant taghha biex tkun prezenti waqt is-"survey" li b'hekk tkun tista' tivverifika wkoll hi stess *a tempo vergine* liem'huma d-danni riskontrati. Fl-ahharnett mhux accettabbli li s-socjeta` konvenuta tnizzel fuq "gate pass-out" dawk il-hsarat u nuqqasijiet biss li jirrizultaw mit-"tally sheet". Din ma hi xejn hlief abdikazzjoni mir-responsabilta`.

Ghaldaqstant l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet huma michuda.

Il-Qorti se tghaddi issa biex tezamina l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati:

<u>It-tieni eccezzjoni</u>: Is-"subrogation forms" huma evidenza bizzejjed tal-pagamenti li saru (Prim'Awla, "Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs Joseph Apps noe", 27 ta' Marzu 1998; Prim'Awla, "Dr. Joseph Zammit McKeon et noe vs Silvio Mifsud et", 16 ta' April 1999). Din l-eccezzjoni hi b'hekk michuda.

<u>Ir-raba' eccezzjoni</u>: Din tirrigwarda s-"survey fees". Sabiex tingieb xiehda tajba dwar il-hsara u nuqqasijiet riskontrati kien xieraq li jsir "survey". Il-htiega ghas-"survey" u ghall-ispejjez taghha qamet ghax saret il-hsara u ghalhekk min jahti ghall-hsara ghandi jhallas ukoll l-ispejjez mehtiega biex ikun maghruf kemm hija l-hsara. Ghalkemm il-konvenuti nomine eccepew li l-ammont huwa esagerat, ma ressqu l-ebda prova in sostenn ta' din l-allegazzjoni. Inoltre ghalkemm is-socjeta` attrici ma gietx formalment surrogata fid-drittijiet tal-importatur rigward dawn id-drittijiet (difatti mid-Dok. L u M  a fol. 21 u 211 jirrizulta li s-surroga saret fir-rigward tas-somma komplessiva ta' Lm833.20), dawn kienu dovuti lilha u "ghalhekk kien hemm tpacija bejn id-debitu tal-importatur ghal dawn l-ispejjez u l-kreditu tieghu ghalihom in forza tal-kuntratt ta' assikurazzjoni" (Noel Ellul noe vs Comm. Silvio Mifsud et noe et, deciz fl-24 ta' Gunju 1996, Citaz. 929/92 JDC). Konsegwentement din is-somma hija dovuta.

<u>Il-hames eccezzjoni</u> tirrigwarda d-data minn meta ghandu jiddekorri l-imghax. Fic-citazzjoni gie mitlub li d-danni jigu likwidati f'ammont li gie

specifikat fl-istess citazzjoni. Ghalhekk l-imghax ghandu jiddekorri, kif gie ritenut diversi drabi mill-Qrati taghna f'kazijiet simili, mid-data tac-citazzjoni.

Fin-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri pprezentata fis-27 ta' Settembru 1994 giet eccepita n-nuqqas ta' responsabbilta' a bazi tar-Regolamenti 70 u 90 u Schedule 13 tal-Port Regulations 1966 u l-artikolu 6(3)(a)(v) tal-Ports Ordinance 1962.

Dwar ir-Regolament 70 jirrizulta li dan ir-regolament ighid biss kif ghandhom jinhargu l-ircevuti u ma jghid xejn dwar helsien minn responsabbilta'. Ghalhekk din l-eccezzjoni ma tghoddx ghall-kaz prezenti.

Dwar ir-Regolament 90, issir referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-2 ta' Mejju 1989 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Felice Pace noe vs Godwin Abela noe**:

*"Ir-regolament ma jipprovdix ghar-relazzjoni tal-Cargo Handling u l-importatur, imma jipprovdi ghar-relazzjoni tas-Sovrintendent ma' min jircievi l-ordni ta' l-istess Sovrintendent .... Il-Cargo Handling ghandha drittijiet u obbligi versu l-importatur li gejjin mill-funzjonijiet u l-attivitajiet li gew akkordati lilha, u fost dawn l-obbligi hemm dak illi jekk ikollha f'idejha merkanzija li ma tistax tinhazen, u jkollha zzomm fil-berah, trid thares l-istess merkanzija minn kull hsara li tista' tigrilha minhabba dan il-fatt".*

Dwar l-artikolu 6(3) tal-Ports Ordinance diga' gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza moghtija fis-16 ta' Ottubru 1996 fil-kawza fl-ismijiet Dr. Joseph Zammit McKeon noe vs David Jones et noe et" (Vol. LXXX.iii.1312) li dak l-artikolu m'ghandux iwassal ghal interpretazzjoni li jfisser li d-Direttur tal-Portijiet jew il-kuntrattur tieghu ma huwa qatt responsabbli u li m'ghandhomx japplikaw il-principji tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant l-eccezzjonijiet ulterjuri sollevati mill-konvenuti Godwin Abela et nomine huma wkoll michuda. Konsegwentement it-talbiet attrici huma gustifikati.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet, tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara lill-konvenut nomine responsabbli ghan-nuqqasijiet u hsarat sofferti,
(2) tillikwida d-danni fl-ammont mitlub ta’ Lm1021.20,
(3) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. thallas lill-attur nomine s-somma ta’ Lm1021.20, bl-imghax mid-data tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez li jithallsu mill-konvenuti nomine.

**Onor. Imhallef David Scicluna**

**D/Registratur**